# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2015

# Il-Malti: Il-Fehim mis-Smigħ

# Il-Ħin: 30 minuta

Il-KARTA TAL-EŻAMINATURI

NOTA:

**L-iskript kollu jinqara minn narraturi li leħinhom huwa rrekordjat fuq diska kompatta. Jinqara BISS mill-invigilatur f'każ li d-diska kompatta ma taħdimx.**

**Merħba.**

**Matul is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.**

**Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-karta li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.**

**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji, se tinqara darbtejn.**

**Issa nitolbok tiftaħ il-karta li għandek quddiemek u ssib paġni tnejn u tlieta.**

**Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tal-ewwel silta.**

-------------- *Waqfa ta' 30 sekonda* ---------------

**Issa se tinqara l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

**L-Ewwel Silta: Intervista fuq Radju Ismagħni**

*Il-preżentatriċi:* Għeżież semmiegħa ta' Radju Ismagħni, jien Mandy Coleiro, nilqagħkom għall-programm *Merħba Bik*. Illum il-mistieden tagħna hu Mauro Busuttil, għaddas mill-Għaqda tal-Għaddasa.

Merħba, Mauro. Kif bdiet in-namra tiegħek mal-baħar?

*L-għaddas:* Missieri kien iħobb ħafna l-baħar u kien sikwit jeħodni miegħu. Ta' tliet snin kont diġà naf ngħum u nogħdos bil-maskra tal-baħar. Meta kbirt, ingħaqadt mal-Għaqda tal-Għaddasa.

*Il-preżentatriċi:* X'tara f'qiegħ il-baħar tal-gżejjer Maltin?

*L-għaddas:* Min jogħdos jitpaxxa bil-ġmiel tal-ħajja ta' taħt il-baħar. Ġieli mmorru fejn hemm vapuri u fdalijiet oħra mgħarrqa. Esperjenza unika kienet meta darba ġejt wiċċ imb wiċċ ma' fekruna.

*Il-preżentatriċi:* Kif tħossok taħt il-baħar?

*L-għaddas:* Meta nogħdos veru nħossni ninqata' mid-dinja ta' kuljum. Inħobb ingawdi s-silenzju li jkun hemm u l-baħar isir dinja oħra ġdida għalija. Ħasra li aħna l-għaddasa sikwit naraw l-iskart f'qiegħ il-baħar!

*Il-preżentatriċi:* Għandi nifhem li intom bħala Għaqda torganizzaw xi attività minn żmien għal żmien.

*L-għaddas:* Fil-fatt, nhar is-Sibt tnax ta' Lulju, aħna se niltaqgħu Marsalforn fis-sitta ta' filgħodu u se nogħdsu biex niġbru l-iskart minn qiegħ il-baħar. Min irid jiġi, merħba bih!

*Il-preżentatriċi:* Grazzi ħafna ta' din l-intervista, Mauro. Filwaqt li nfakkarkom tieħdu l-maskra tal-baħar magħkom, insellmilkom u niltaqgħu l-ġimgħa d-dieħla għal programm ieħor fl-istess ħin. Saħħa!

**Tmiem l-ewwel silta**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**
**Taħriġ A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**
Il-programm *Merħba Bik* jixxandar fl-erbgħa ta' waranofsinhar.
Din **Ma ssemmietx**. Għalhekk għamilt sinjal fil-kaxxa ħdejn **Ma ssemmietx**.
Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**
L-għaddas ingħaqad mal-Għaqda tal-Għaddasa meta kiber.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**
Meta Mauro jogħdos, sikwit jiltaqa' mal-fkieren.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**
Biex tibda togħdos mal-Għaqda, irid ikollok tal-inqas għaxar snin.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Skont il-programm, in-nies jibżgħu għall-baħar u ma jħammġuhx.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

Il-programm tal-lum wassal intervista.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**

Il-preżentatriċi tal-programm kunjomha
a) Busuttil.
b) Borg.
ċ) **Coleiro**.

It-tweġiba t-tajba hija **(ċ) Coleiro**. Għalhekk għamilt linja taħtha.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

**Numru tnejn:**

L-interess ta' Mauro Busuttil fil-baħar beda
a) minħabba l-fkieren.
b) minħabba missieru.
ċ) minħabba l-Għaqda tal-Għaddasa.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Xi kultant l-għaddasa jfittxu li jaraw

a) il-fkieren.

b) l-iskart.

ċ) vapuri li jkunu għerqu.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Taħt il-baħar ikun hemm ħafna

a) storbju.

b) silenzju.

ċ) għawwiema.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Meta l-għaddasa jaraw l-iskart f'qiegħ il-baħar

a) jiddispjaċihom.

b) ma jagħtux kas.

ċ) jifirħu.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

Il-membri tal-Għaqda tal-Għaddasa se jiltaqgħu Marsalforn biex

a) jgħumu flimkien.

b) inaddfu l-baħar tal-madwar.

ċ) inaddfu x-xatt.

--------------- *Waqfa ta' 5 sekondi għal min ikun għadu jikteb* ---------------

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma', tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

-------------- *Is-silta u t-taħriġ jerġgħu jinqraw, bl-istess waqfiet* ---------------

**Issa se tinqara t-tieni silta. Nitolbok issib paġni erbgħa u ħamsa.**

**Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tat-tieni silta.**

*--------------- Waqfa ta' 30 sekonda ---------------*

**Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

**It-Tieni Silta: Għand l-aġenzija tal-ivvjaġġar**

*L-impjegata:* Bonġu! Jiena Anna! Fiex nista' naqdikom?

*Manwel:* Bonġu! Jien Manwel Zammit u din hija marti Ramona. Nixtiequ nippjanaw safra għall-familja kollha.

*L-impjegata:* Meta tixtiequ tmorru u fejn?

*Ramona:* Meta jispiċċaw l-eżamijiet it-tfal. Konna qed naħsbu biex nitilqu fit-12 ta' Lulju.

*Manwel:* Xtaqna mmorru fil-belt kapitali Franċiża, Pariġi, għax hi destinazzjoni li togħġob kemm lill-kbar kif ukoll lit-tfal.

*L-impjegata:* Kemm beħsiebkom iddumu hemm?

*Ramona:* Sebat ijiem.

*L-impjegata:* Sewwa. Ħa nibdew mit-titjiriet. Għal kemm nies?

*Manwel:* Jien, il-mara u ż-żewġt itfal tagħna.

*L-impjegata:* Iva. Għal Franza fadal biljetti tal-ajru u bħalissa għadhom bi prezz tajjeb. Li kieku, titilqu permezz tat-titjira diretta lejn Pariġi fl-għaxra u nofs ta' filgħodu u taslu hemm fis-siegħa u nofs ta' waranofsinhar. Imbagħad taslu lura Malta fid-dsatax ta' Lulju filgħaxija.

| | |
|---|---|
| *Ramona:* | Allura kemm se jiġu jiswew il-biljetti tal-ajru, jekk jogħġbok? |
| *L-impjegata:* | Mitejn ewro għall-kbar u mija u għoxrin ewro għat-tfal li għadhom m'għalqux it-tnax-il sena. |
| *Manwel:* | Kollox sew. Fuq is-sit elettroniku tagħkom laqtitna l-lukanda li tinsab fiċ-ċentru ta' Pariġi. Għoġbitna għax tinsab biswit ix-xmara Seine u minn fejn qiegħda jidher ukoll it-Torri Eiffel. Aħna jkollna bżonn kamra għal erbgħa. |
| *L-impjegata:* | L-aġenzija tagħna dejjem ħadmet mal-lukanda li qed issemmi u naċċertawk li tkunu sodisfatti b'din l-għażla. |
| *Ramona:* | Famuż! Mela l-lukanda f'idejkom ukoll. X'kont se ngħid? Intom x'eskursjonijiet toffru bħala aġenzija? |
| *L-impjegata:* | Fuq is-sit elettroniku tagħna għandna pakkett ta' eskursjonijiet li tassew jgħodd għalikom bi prezz speċjali ta' tliet mija, erbgħa u disgħin ewro. |
| *Manwel:* | Tista' tfehemna ftit x'jinkludi? |
| *L-impjegata:* | Sakemm tkunu hemm, l-aġenzija stess tibgħat gwida tal-lokal. Hi turikom l-iktar postijiet interessanti ta' din il-belt magħrufa mad-dinja kollha. U għandkom x'taraw tafx! Palazzi, mużewijiet, monumenti storiċi u toroq kbar u wesgħin miżgħudin bini ... Iġġibu għajnejkom wara widnejkom! |
| *Ramona:* | Tinsiex li aħna se jkollna żewġt itfal magħna u nixtiequ li tkun vaganza memorabbli għalihom ukoll. |
| *L-impjegata:* | Tibżax, ma nsejtx! Għalihom hemm park ta' divertiment. Dan il-post hu maġiku kemm għat-tfal kif ukoll għall-kbar. |
| *Manwel:* | Ara x'sorpriża se tkun din għalihom! |
| *L-impjegata:* | Mela m'għedtulhomx? |

*Ramona:* Le, għax xtaqna nippremjawhom ta' kemm stinkaw matul is-sena skolastika.

*Manwel:* Allura xi kemm taħseb li se tqumilna flus dil-vaganza?

*L-impjegata:* Ara, l-aħjar ħaġa hi li naħdmilkom stima u nibgħathielkom b'ittra elettronika. Imbagħad ikollkom tlett ijiem ċans biex tikkonfermaw.

*Ramona:* Tajjeb! Mela l-indirizz elettroniku tagħna hu zammit@maltin.com . Nistennew mingħandek! Grazzi!

*Manwel:* Saħħa u l-kumplament tal-ġurnata t-tajba!

**Tmiem it-tieni silta**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**
**Taħriġ A. Imla l-vojt b'kelma waħda, skont dak li smajt fis-silta.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.**

Ramona u ______________ riedu jmorru Pariġi fis-sajf.
Il-kelma t-tajba hija **Manwel**. Għalhekk ktibt **Manwel** fil-vojt.
Mela s-sentenza ġiet: Ramona u Manwel riedu jmorru Pariġi fis-sajf.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

Ramona u Manwel riedu jmorru Pariġi fis-sajf. B'hekk marru għand _____________ tal-ivvjaġġar biex jippjanaw il-btala.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

Huma _____________ din id-destinazzjoni għax kemm il-kbar kif ukoll it-tfal jieħdu gost.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

It-titjira għal Pariġi kienet se tkun fl-għaxra u nofs ta' filgħodu. Għoġbithom _____________ fiċ-ċentru tal-belt minħabba li tinsab ħdejn ix-xmara.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

Riedu jibbukkjaw kamra għal ____________ persuni.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

Il-ġenituri xtaqu li din il-btala tkun ____________ għat-tfal ta' kemm ħadmu matul is-sena.

*--------------- Waqfa ta' 5 sekondi għal min ikun għadu jikteb ---------------*

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**
Manwel mar biex jibbukkja l-vaganza ma' martu
a) Anna.
b) Ramona.
ċ) Anita.
It-tweġiba t-tajba hija **(b)** **Ramona.** Għalhekk għamilt linja taħtha.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

**Numru tnejn:**
Ramona u Manwel xtaqu jdumu Pariġi
a) ftit inqas minn ġimgħa.
b) ġimgħa bl-eżatt.
ċ) għaxart ijiem.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Numru tlieta:**
Il-gwida tal-lokal kienet
a) se tiltaqa' magħhom l-ajruport ta' Malta u twassalhom Franza.
b) se tiltaqa' mal-familja Micallef fi Franza stess.
ċ) se tiltaqa' mal-familja Zammit fi Franza stess.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Numru erbgħa:**

Xi postijiet ta' interess li se turihom il-gwida huma:

a) palazzi, funtani, mużewijiet u monumenti storiċi.

b) mużewijiet, parks tal-annimali, għelieqi u palazzi.

ċ) monumenti storiċi, mużewijiet, palazzi u toroq kbar mimlijin bini sabiħ.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Ramona u Manwel

a) ħallsu kollox fil-pront għax iddeċidew mill-ewwel.

b) riedu jaraw sew kemm se tiswiehom il-vaganza qabel jiddeċiedu.

ċ) kienu se jistennew l-istima b'telefonata mingħand l-aġenzija.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

L-espressjoni **'iġġibu għajnejkom wara widnejkom'** tfisser:

a) tibqgħu mistagħġbin.

b) tpoġġu għajnejkom minflok widnejkom.

ċ) tħossukom mitlufin.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma', tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

-------------- *Is-silta u t-taħriġ jerġgħu jinqraw, bl-istess waqfiet* ---------------

**Issa għandek ftit ħin biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

--------------- *Waqfa ta' minuta* ---------------

**Grazzi. Is-sessjoni tas-smigħ spiċċat. Saħħa!**